# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Frar, 2001**

**Numru : 6**
**Citaz. Numru : 2320/00/RCP**

**Joseph Ciscaldi**

**vs**

**Nicholas Sammut u Carmelo sive Charles Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premetta:

Illi l-attur jinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' elf sebgha mija u sebghin lira u tmienja u hamsin centezmu dovut bhala prezz ta' kiri ta' vetturi u hsarat ikkagunati fl-istess vetturi, meta dawn kienu fil-pussess tal-konvenuti.

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-ammont hu cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili.

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

2. Tikkundannahom li jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u seba' mija u sebghin lira, tmienja u hamsin centezmu (Lm1770.58), rapprezentanti prezz ta' kiri ta' vetturi u hsarat fl-istess vetturi, liema somma baqghet ma thalsitx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati numri 3388/00, 3646/00, 3647/00 u tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru 2000, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tal-konvenuti billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u seba' mija u sebghin lira, tmienja u hamsin centezmu (Lm1770.58), rapprezentanti prezz ta' kiri ta' vetturi u hsarat fl-istess vetturi, liema somma baqghet ma thalsitx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati numri 3388/00, 3646/00, 3647/00 u tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru 2000, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**6 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**6 ta' Frar, 2001**